MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 454/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**vs**
**Raymond Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Raymond Mifsud** ta' 37 sena bin George u Katie *nee'* Mercieca, mwieled Qormi fid-19 ta' Dicembru 1966, residenti 25 Imgieret Road, Luqa jew f'numru 12 Mizzi Flats, Flat numru 2, Triq Guze' Ellul Mercer Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 18667M;

Talli fl-10 ta' Gunju 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

B’qerq jew ingann jew uzu hazin tal-awtorita’ influwenza, jew pressjoni, ittraffika persuna jew persuni ta’ l-eta’ bl-ghan li dik il-persuna jew persuna tigi u jigu sfruttata jew sfruttati ghall-prostituzzjoni jew f’attivitajiet pornografici, jew fil-produzzjoni ta’ materjal pornografiku;

Talli fl-istess lok u zmien, xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta’ persuni ta’ nazzjonalita estera;

Talli fl-istess lok u zmien zamm u ezercita jew kellu sehem ma ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Talli fl-istess lok u zmien, bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond bl-isem ta’ fond numru 25 Imgieret Road Luqa, xjentement ta b’kiri, jew ippermetta l-uzu ta’ dan il-post ghal skop ta’ prostituzzjoni;

Talli fl-istess lok u zmien sabiex jissodisfa z-zina ta’ haddiehor, gieghel bil-vjolenza jew hajjar b’qerq persuna ta’ l-eta’ ghall-prostituzzjoni, liema reat sar bl-abbuz tal-awtorita’, ta’ fiducja jew ta’ relazzjoni familjari, bhala drawwa u bi hsieb ta’ qliegh;

Talli fl-istess lok u zmien, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta zamm jew issekwestra lil persuni kontra l-volonta’ taghhom fosthom –Omisssis-,
–Omisssis- u
–Omisssis-;

B’hekk Raymond Mifsud kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza gie liberat taht kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ Settembru 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat\i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-15 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu baghat lill-imputat quddiem din il-Qorti sabiex, wara li l-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha, iwiegeb ghal-akkuzi ravvizati fl-artikoli 204(1)(b)(d), 248A(2)(a)(b), 248B, 20, 23, u 533 Kap 9; 7(1)(3), 8(1)(2), 9, 10 u 14 tal-Kap 63; 7 u 23 tal-Kap 446;

Rat id-dikjarazjoni tal-imputat kif regisgtrata fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2006 li permezz taghha kkonferma li ma kellu ebda oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja skond l-artikolu 370 tal-Kap 9;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara investigazzjoni mill-Pulizija in segwitu ta' talba ghall-ghajnuna mill-ambaxxata Russa f'Malta rigwardanti rapport ta' zamma illegali f'Malta ta' zewg tfajliet ta' nazzjonalita' Russa. Is-sezzjoni tal-Immigrazzjoni tal-Pulizija traccat lil dawn it-tfajliet fl-ajruport lesti biex jaqbdu it-titjira lejn ir-Russa u meta kienu mitkellma mill-Pulizija stqarru li kellhom jipprostitwixxu ruhhom kontra l-volonta' taghhom waqt li kienu f'Malta' f'razzett fil-limiti ta' Hal Luqa gestit mill-imputat. Huma kienu gew Malta bl-iskop illi jahdmu gewwa bar jew hotel fuq stedina ta' certu Tanja u kienu saru l-arrangamenti kollha necessarji ghalihom fosthom passporti u visas izda malli rifsu l-art ttiehdu fil-*farmhouse* tal-imputat fejn immedjatament kienu imgieghla ikollhom x'jaqsmu ma' irgiel u inzammu f'dan il-*farmhouse* kontra r-rieda taghhom. Meta oggezzjonaw ghal dan kollu l-

imputat offrielhom jahdmu bhala zeffiena fi clubs izda dawn irrifjutaw u r-rabta taghhom mal-imputat kienet saret wahda finanzjarja peress illi ma kellhomx minn fejn ihallsu lura flus li inghatawlhom biex jixtru l-biljetti biex jaslu Malta. Huma inzammu fi-*farmhouse* fejn kellhom iservu irgiel bi hlas li kien imur ghand l-imputat li minnhom kien itihom xi haga izda wahda mit-tfajliet irnexiela ccempel lill-ommha fir-Russja fejn imbaghad intervjenaw l-INTERPOL, l-Pulizija Russa u dik ta' Malta. F'dawn il-proceduri, din il-Qorti semghet il-verzjoni ta' tlett tfajliet li ghal finijiet ta' dicenza u privatezza, qed issir referenza ghalihom bhala Miss A, Miss B u Miss C skond l-ordni li fih xehdu dawn it-tfajliet.

Miss A xehdet illi kienet giet Malta fl-4 ta' Gunju 2004 flimkien mal-habiba taghha, Miss B, bl-iskop li tahdem gewwa restaurant bl-isem ta' Tatiana Restaurant li huwa ta' mara Russa mizzewga Malti u li hi habiba ta' Miss B. Fl-ajruport kienu milqugha mill-imputat u minn certu Pawlu li kien ghenhom jottjenu l-visas waqt li kienu qed jistennew fil-kaffetterija tal-ajruport. Miss A u Miss B kienu gew Malta fuq stedina ta' Tatiana sabiex jahdmu bhala *waitresses* fir-restaurant taghha. Omm Tatiana, li tghix ir-Russja, ghamlitilhom l-arrangamenti kollha tal-ivjaggar u tathom elf Dollaru Amerikan, biljett ghat-trenn minn Rostov ghal Moska u 400 Rubles u dawn kellhom jiltaqghu ma' persuna l-ajruport ta' Moska biex jghaddilhom biljetti tal-ajru ghall-Malta. Fil-fatt kienu intlaqghu Moska minn rapprzentant tal-Venditour Group li ghaddielhom l-biljetti tal-ajru, *discount voucher* biex jattendu f'kazino, polza tal-assikurazzjoni u *sim card* biex tintuza fuq telefon cellulari f'Malta. Malli waslu Malta staqsew lil Tatiana jekk kienux sejrin dritt il-lukanda izda wiegbithom fin-negattiv ghaliex il-lukanda ma kienitx wahda tajba u ghalhekk kellhom iqattghu il-lejl ghandha u ghand l-imputat. Hemmhekk inghataw struzzjonijiet biex jinhasslu, inghataw x'jieklu u Tatiana ordnat lil Miss A sabiex ikollha x'taqsam sesswalment ma' Pawlu ghaliex kellha thallas tal-visa u tal-biljett tal-ajru u dan ghaliex Pawlu kien ghenhom jigu Malta u fil-fatt hekk ghamlet. Meta staqsietha dwar ix-xoghol fir-restaurant, Tatiana infurmata li ma kienx possibbli ghalihom li jahdmu f'Malta

u ghalhekk kellhom jahdmu ta' prostituti. Huma ipprotestaw izda Tatiana wissiethom illi kelhom jaghtu elfejn dollaru l-valur tal-bljetti tal-ajru u l-visas. F'dak l-istess lejl kienet imgieghla taghti servizz lil ragel iehor u wara infurmat lil Tatiana li kienet ghandha kemm issubiet intervent kirurgiku qabel giet Malta. Miss B ukoll kienet ordnata taghti servizzi lill-irgiel f'dak il-lejl. L-ghada, Tatiana infurmat lill-imputat illi ma riedux jahdmu ta' prostituti u l-imputat beda jirrabja u jghajjat ma' kulhadd inkluz Tatiana u infurmahom illi jekk jibqghu jirrifjutaw kien ser ibieghhom lil haddiehor u b'hekk ikunu mehlusa mid-dejn taghhom. Wara li l-imputat u Tatiana kienu qablu illi jibghatu *sms* lil genituri taghhom biex jipprovdulhom il-flus biex jiskontaw dan id-dejn, l-istess genituri bdew icemplu biex jaraw x'kien qed jigri. Huma kienu offerti xoghol ta' *stripteasers* u xorta irrifjutaw. L-ghada tfaccat Tatiana kollha rabja ghaliex omm Miss A kienet ghamlet kuntatt ma' omm Tatiana fir-Russja u wissietha li kienet ser tinforma lil Pulizija kemm il-darba ma jkunux mehlusa iz-zewg tfajliet izda Miss A infurmat lil ommha li fil-fatt kienu ser jinhelsu u kienu qed jistennew titjira lura nhar il-Gimgha. Waqt illi kienu fil-*farmhouse,* it-tfajliet ma kienux liberi li johorgu ghaliex il-bibien kienu msakkra. Fl-istess *farmhouse* kien hemm ukoll Miss C izda Tatiana kienet wissiethom sabiex ma jkellmuhiex ghaliex kienet fi stat ta' genn mentali izda fil-fatt xorta wahda kellmuha u sabu li kienet normali. Tatiana kienet ukoll avzat lil Miss A illi ommha kienet infurmat lil Pulizija f'Rostov u ghalhekk filwaqt illi Miss B kienet sejra lura d-dar, hi kellha toqghod Malta. Nhar it-Tlieta filghodu Tatiana hadet lit-tlett tfajliet u l-valiggji taghhom gewwa *flat* permezz ta' taxi bajda izda dakinhar stess irritornaw lura l-farmhouse ma' l-imputat u t-tfajliet kienu infurmati illi l-Pulizija kienu accedew fil-farmhouse u ghalhekk kellhom johorgu mill-bieb ta' wara ma' persuna ohra. Huma thallew fil-flat ghal dak il-lejl u l-ghada ttiehdu l-ajruport u hemmhekk sar tibdil fil-biljetti tal-ajru mill-Gimgha ghat-titjira ta' dik il-gurnata wara li l-persuna li akkumpanjathom hallset xi flus ghal dan. Miss A kompliet tispjega illi gurnata minnhom l-imputat kien sawwatha, qabad sikkina, newwilha lill-Tatiana u qalilha li setghet toqtolha jekk riedet. In kontro-ezami, Miss A xehdet illi qabel giet Malta kienet tahdem bhala assistenta

f'hanut tal-hwejjeg u fl-Isvizzera bhala *topless dancer* f'cabaret izda qatt ma marret ma' irgiel bi hlas u qatt ma kienet prostituta.  Minkejja li xehdet illi kienu imsakkrin, ix-xhud qalet illi kienu permessi johorgu fil-bitha izda l-bibien kienu msakkra matul il-lejl;

Fid-deposizzjoni ta' Miss B, oltre li l-verzjoni taghha taqbel ma' dik ta' Miss A, ziedet illi waqt li kellhom jahdmu ta' prostituti, kellhom izommu hmistax-il lira maltin lil kull klijent, jinghataw ikel darba kuljum u kellhom ihallsu hamsin lira fil-gimgha ghall-alloggjar oltre li kellhom iroddu lura l-flus li inghataw biex jigu Malta. Hija kienet imbezza u ma ma kienitx taf jekk qatt kienet ser tithalla libera u ma kienitx taf jekk setghetx titlaq mill-*farmhouse*.  Il-bibien kienu msakkra u ttentaw johorgu mit-twieqi izda ddecidew li ma setghux jaqbdu u jitilqu b'dak il-mod.  Lura f'pajjizaha kienet tahdem bhala *salesgirl* f'hanut taz-zraben. Waqt illi kienet Malta hija baqghet fil-pussess tal-biljett tal-ajru, l-passaport u t-telefon cellulari taghha ghalkemm l-imputat kien hadilha t-telefon ghaliex kien irrabjat izda rritornah ftit wara.  Hija kienet dejjem libera biex iccempel minnu u kienet iccempel lura d-dar izda qatt ma cemplet lil Pulizija u waqt li kienet f'Malta ittiehdet tiekol f'restaurant u f'diskoteka izda qatt ma telqet ghaliex kienet qed tistenna l-flus u ma kellhiex fejn tmur.  Hi kellha struzzjonijiet tinforma lil-genituri taghha sabiex ihallsu lil omm Tatiana;

Miss C, ta' nazzjonalita' Ukrena, xehdet li waslet Malta fl-20 ta' Mejju tal-2004 sabiex tippartecpia f'konkors msemmi Mini Binkini International Contest 2004 bil-promessa ta' xoghol bhala *hostess* qabel il-konkors.  Hi kellha zzomm kumpanija lill-irgiel gewwa bar u tinghata kummissjoni ghax-xorb li jordnaw.  F'pajjizaha kienet studenta u tahdem bhala assistenta f'hanut tal-hwejjeg. Ghalkemm ma kellha ebda konnessjoni maz-zewg tfajliet l-ohra, hija rrakontat l-istess agir tal-imputat u ta' Tatiana kif ukoll illi meta waslu z-zewg tfajliet l-ohra kienu ordnati jahdmu ta' prostituti izda hi irrifjutat u l-imputat tant irrabja li dahal f'kamritha u remhielha xi affarijiet barra t-tieqa u infurmaha li ma setghetx titlaq u kien hadilha l-basket li kien jikkontejni l-passaport, biljett tal-ajru u flus.  Minkejja dan hija pruvat tahrab billi titla mar-recint tal-*farmhouse*,

izda l-imputat qabadha u hatafha minn ghonqha u qeghdha f'kamra bhal garage fuq wara tad-dar u qafilha hemmhekk. Din il-kamra kienet vojta, minghajr ebda facilitajiet sanitarji u minghajr dawl u qadet hemm wahedha il-lejl kollu u n-nofs ta' nhar ta' l-ghada. L-uniku ikel li inghatat kien ftit hobz u ilma l-ghada filghodu mill-imputat u Tatiana li staqsewha jekk kienitx fi hsiebha tahdem izda meta ma wegbitx, regghu qafluha fil-kamra. Ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar tal-ghada, l-imputat gie ghaliha u infurmaha li kellhom jitilqu minhabba problemi li omm Tatiana kellha mal-Pulizija fir-Russja. Meta inghatat lura l-basket, l-katnazz kien imkisser u l-passport, biljett u flus ma kienux qeghdin fih. It-tlett tfajliet ittiehdu gewwa flat kif jemergi mid-deposizzjoni ukoll taz-zewg tfajliet l-ohra. Hi irnexxielha tiskopri li s-sewwieq tat-taxi li hadithom fil-flat kien hu l-imputat u dan skond Tatiana. Iz-zewg tfjaliet l-ohra ttiehdu l-airport filwaqt illi din ix-xhud thalliet fil-flat bl-intenzjoni li tittiehed l-airport nhar il-Gimgha sabiex ma jkunx hemm problemi. Fil-fatt ittiehdet fuq *yacht* permezz ta' *speedboat* flimkien ma' Tatiana fejn kien qed jisvolgi xi konkors u ttiehdu Ghawdex fejn zewgt irgiel Russi haduhom gewwa hannut tal-kafe' b'vettura. Minn hemm regghu lura Malta flimkien mal-konkorrenti l-ohra ta' fuq il-*yacht* fejn ittiehdu gewwa lukanda permezz ta' *coach* izda fil-lukanda tqeghdet gewwa *security room* boghod mill-konkorrenti l-ohra. L-ghada kienet misjuba mill-Pulizija wara li cemplulha fuq it-telefon cellulari taghha;

Paul Chetcuti xehed fit-tul dwar l-involviment tieghu fil-kaz b'mod incidentali fis-sens illi huwa jorganizza diversi konkorsi internazzjonali fosthom dak imsemmi minn Miss C u fil-kors ta' l-organizazzjoni ikollu japplika ghall-visas ghall-konkorrenti. L-imputat kien talbu idahhal zewg tfajliet fil-konkors u dan kien accetta izda dawn it-tfajliet qatt ma tfaccaw minkejja li kien rahom l-ajruport meta waslu Malta u kellimhom fid-dar tal-imputat. Huwa jikkonferma illi Tatiana, li hu jaf bhala Tanya u bhala l-mara tal-imputat, kienet giet fuq il-*yacht* (vapur skond hu) flimkien ma' tfajla ohra li allura tikkorobora x-xhieda ta' Miss C li hu jiddeskrivi bhala t-tfajla jew habiba ta' certu "Buster". Waqt li kienu ghaddejjin bil-*yacht* ircieva

telefonata mill-Pulizija u baqa' maghhom li jaghmel kuntatt appena jerga lura Malta. Meta wasal Ghawdex ta hames liri lil Tatiana li telqet minn fuq il-*yacht* u sa fejn jaf hu qabdet il-vapur lejn Malta;

Tatiana Alkina xehdet illi hija kienet ikkundannata fi proceduri ghal qliegh illecitu minn attivita' ta' prostituzzjoni u tmexxija ta' lok ghall-skopijiet ta' prostituzzjoni. Hi ghamlet zmien tghix mal-imputat u meta rritornat ir-Russja, l-imputat kien talabha ggib xi tlajliet maghha biex jahdmu fl-Steam Bar gewwa Paceville u fil-fatt mar-ritorn taghha giebet tfajla mill-Ukrajna li gia kienet Malta precedentement u hadmet bhala prostituta u zeffiena. Din mhix wahda mit-tfajliet li xehdu f'dawn il-proceduri. L-imputat kien inizzel li din it-tfajla sabiex tiprostitwixxi ruhha fil-fond Knight 2 f'Wied il-Ghajn u l-imputat gieli ukoll ressaq klijenti ghaliha fil-*farmhouse* tieghu fejn ghamlet madwar gimghatejn toqghod fl-istess dar. Wara gimghatejn hu ta' lil din it-tfajla lil habib tieghu Kevin u wara ftit dawn it-tnejn bieghuha lil Soleado Guesthouse. Hi kienet izzom hmistax-il lira lill-klijenti biex ittihom lill-imputat li kien imbaghad jghaddilha hames liri minnhom ghal servizz ta' nofs siegha. Din it-tfajla inbieghet ghal prezz ta' sitt mitt lira. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll illi kienet giebet Malta zewg persuni ohra fuq stedina tal-imputat. Dawn kienu joqghodu fil-*farmhouse* u kienu jahdmu ta' prostituti izda wahda minnhom sabet guvni u marret mieghu u l-ohra damet hemm ghal madwar erba xhur. B'kollox kienet gabet disa tfajliet mir-Russja "izda Raymond kien xtara wkoll xi tfajliet minghand haddiehor" (fol 211). Minkejja li pruvat tohrog minn dan ix-xoghol l-imputat kien ikkonvinciha li dan hu tip ta' xoghol li jirrendi hafna flus. Din ix-xhud spjegat kif l-imputat kien jehles mit-tfajliet jekk iwebbsu rashom u dan billi ibighhom lil terzi. It-tfajliet ma kienux liberi fil-*farmhouse* u hadd ma kellu l-liberta' li jitlaq, inkluz hi. Meta harget, inkluz l-ajruport, kienet dejjem fil-presenza tal-imputat altrimenti kienet tkun imsakkra. L-imputat kien biegh ukoll lil Tanja lil habib tieghu jismu Kevin, li mill-atti jemergi li hu Kevin Amato li kien membru tal-korp tal-pulizija u li kien jghin fl-otteniment tal-visas, u dan ghaliex kienet ta spiss titlewwem mieghu. Din ix-xhud imbaghad tghaddi biex

tirrakkonta bi precizjoni dak gia depost mit-tlett tfajliet dwar dak li ghaddew minnu fil-*farmhouse* u l-inkwiet li dahlet fih ommha fir-Russja wara li wahda minnhom cemplet lil genituri taghha. F'Mejju tal-2004, din ix-xhud dahlet fi zwieg ta' konvenjenza ma' Lizio Delia, habib tal-imputat li kien jiffrekwenta d-dar tieghu, wara li skaditielha l-visa.

Il-Qorti semghet ukoll lil Lizio Delia li ikkonferma dak kollu gia mismugh mix-xhieda precedenti u li kellu ukoll x'jaqsam erba darbiet ma Miss A u darba ma' Miss B fid-dar tal-imputat. Semghet ukoll lil Kevin Amato, li meta kien ghadu fi-korp tal-Pulizija, kien ghen bl-otteniment tal-visas fuq rikjesta tal-imputat. Dan ix-xhud kien ukoll dahal bhala intermedjarju biex ibigh mara minn idejn l-imputat u fil-fatt hekk kien ghamel izda ix-xerrej naqas milli jhallas l-ammont kollu ta' sitt mitt lira u inqala xi ftit dizgwid bejnithom. Dan ix-xhud jiddeskrivi b'mod mill-aktar inuman kif sehh dan il-bejgh bhalikieku din il-persuna kienet xi oggett mobbli u l-Qorti ser tastjeni milli tirriproduci l-intricci ta' dan in-negozju ghaliex huwa ta' ghajb ghad-dinjita' umana;

Illi minn dak li semghet il-Qorti u li hu hawn riprodott, il-verzjoni tax-xhieda principali, jigifieri it-tlett tfajliet, huma perfettament assodati bix-xhieda l-ohra. Issa ghalkemm ix-xhieda l-ohra, jigifieri, Kevin Amato, Lizio Delia u Tatiana Alkina huma *partecipis criminis*, l-verzjoni taghhom hija korroborata kif titlob il-ligi, mix-xhieda principali, dawk tal-ufficjali prosekuturi u c-cirkostanzi kollha li jiffurmaw l-atti ta' din il-kawza;

Illi jokkorri issa li dawn il-fatti ikunu ezaminati fid-dawl tal-artikoli tal-ligijiet elenkati mill-avukat generali fir-rinvinju tieghu kif jidhru *supra.* Tajjeb illi jinghad u jinzamm fil-mira illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jidher li ghamel sottomissjonijiet dwar l-akkuzi kif dedotti fl-ewwel udjenza tal-kumpilazzjoni izda din il-Qorti hija tenuta li timxi biss fuq l-artikoli indikati mill-avukat generali kif ravvizati fir-rinviju tieghu tal-15 ta' Dicembru 2005 a fol 221 tal-process bhala l-akkuzi addebitati lill-imputat wara li deherlu li tista' tinstab htija fuq l-akkuzi minnu indikati fejn

hu evidenti illi f'dan ir-rinviju naqqas l-akkuza ta' sekwestru ta' persuna kontra l-ligi.

Ghalhekk dwar l-ewwel akkuza skond id-dispost tal-artikolu 204(1)(b)u (d) tal-Kap 9, din il-Qorti ma tistax issib htija ghaliex dan huwa rejat li jista' jkun dirett biss lejn persuna li thajjar ghall-prostituzzjoni persuni taht l-eta'. Fil-kaz in dizamina u mill-provi kollha migjuba ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, ma hemm l-ebda hjiel li l-allegati vittmi huma persuni taht l-eta'. Dan ma jirrikjedi l-ebda konsiderazzjoni ulterjuri u ghalhekk l-imputat qed ikun liberat minn din l-akkuza;

Ghal dak li jirrigwarda l-akkuza kif ravvizata fl-artikolu 248A(2)(a) u (b), dan huwa rejat li jinkwadra taht is-Sub Titolu VIII *bis* tal-Kap 9 intestat Fuq it-Traffikar Ta' Persuni. Ghal darb'ohra, l-avukat generali indika artikolu tal-ligi li ma ghandu l-ebda ness mal-kaz in dizamina u ghall-ahjar intendiment dan qed ikun hawn riprodott:

248A. (1). Kull min, b'xi wiehed mill-mezzi msemmija fis-subartikolu (2), jittraffika persuna ta l-eta' bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata fil-produzzjoni ta' oggetti jew fil-ghoti ta' servizzi jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa disa snin.

Ghal finijiet ta' dan is-subartikolu sfruttament jinkludi li persuna tigi mehtiega tipproduci oggetti u tipprovdi servizzi taht kundizzjonijiet u f'cirkostanzi li jmorru kontra *standards* fil-kamp tax-xoghol li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xoghol, pagi u s-sahha u s-sigurta'.

(2) Il-mezzi li ghalihom hemm referenza fis-subartikolu (1) huma dawk li gejjin:

(a) vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta' persuna;

(b) qerq jew ingann;

(c) uzu hazin ta' awtorita', influenza jew pressjoni;

(d) li wiehed jaghti jew jircievi hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna ohra.

Huwa bil-wisq evidenti illi dan id-dispost tal-ligi mhux applikabbli ghal kaz odjern ghaliex dan jitratta dwar dawk il-kazijiet ta' traffikar ta' persuni ghal skopijiet li jkunu sfruttati fil-produzzjoni ta' oggetti jew fl-ghoti ta' servizzi u ma jinkludix *expressis verbis* servizzi sesswali izda huwa mirat biss kontra *cheap labour*. Huwa fil-fatt l-artikolu 248B li jitratta dwar traffikar ta' persuni ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Ara in rigward, is-sentenza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs ..*ommisis..* Elena Ellul**, dik deciza ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt L. Calleja) vs James Grima.** Il-Qorti ghalhekk qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza stante li ma hemm l-ebda cirkostanzi li juru li b'xi mod l-imputat traffika f'persuni ghal skopijiet ta' sfruttament fil-produzzjoni ta' oggetti jew ghoti ta' servizzi li jmorru kontra *standards* fil-kamp tax-xoghol;

L-imputat huwa akkuzat ukoll bi ksur tal-artikolu 248B tal-Kap 9 li jaqa' taht l-istess sub titolu bhal dak precedenti u li jipprovdi hekk:

248B. Kull min, b'xi wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jittraffika persuna ta' l-eta' bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni jew f'attivitajiet pornografici jew fil-produzzjoni ta' materjal pornografiku jehel, meta jinsab hati, il-piena li hemm fl-artikiolu 248A(1).

L-ewwel element ta' dan ir-rejat jikkonsisti fit-trafikkar ta' persuni ta' l-eta u dan it-traffikar jehtieg li jkun sar b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 248A(2) jigifieri, kif gia citat *supra*, b'wiehed ms-segwenti: vjolenza jew theddid, inkluz is-serq ta' persuna; qerq jew ingann; uzu hazin ta' l-awtorita', influenza jew pressjoni; li wiehed jaghti jew jircievi hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li jkollha l-kontroll fuq persuna ohra. Dawn il-mezzi huma appozitament akkluzi u mehtiega sabiex jiddistingwu dan ir-rejat minn dak ta' *human smuggling* taht l-Kap 217 fejn persuna volontarjament tissottometti lilha nnifisha lil persuna ohra sabiex tintroduciha klandestinament f'pajjiz iehor. Fil-kaz odjern,

huwa mehtieg li s-suggett ikun traffikat kontra l-volonta' tieghu bl-uzu ta' wiehed mill-mezzi appena msemmija. Jemergi mill-fatti migjuba quddiem din il-Qorti, illi it-tfajliet ingiebu Malta fuq premessi fittizji u cioe' inghataw x'jifhmu illi kienu sejrin jahdmu f'ristoranti f'Malta u ghalhekk accettaw l-istedina li saret b'qerq u ingann u kwindi jirrizultaw l-mezzi ravvizati fil-paragrafu (a) u (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 248A.. It-tieni element tar-rejat huwa dak intenzjonali senjatament il-hsieb li t-traffikar isir ghal skopijiet ta' prostituzzjoni u kif pruvat minghajr ebda ombra ta' dubju, t-tfajliet kienu hekk traffikat ghal skopijiet ta' prostituzzjoni tant li l-imputat ma tilef ebda hin biex qeghedhom ghad-disposizzjoni tal-klijenti immedjatament mal-wasla taghhom f'Malta meta oltre li ingannahom dwar ir-raguni ghaliex ingiebu Malta ingannahom ukoll dwar il-lukanda fejn kellhom joqghodu biex b'hekk ma kellhom ebda xelta ohra hlief li jirrisjedu fil-*farmhouse* tieghu fejn, kif gia inghad, kienu minnufih imgieghla jipprestaw servizzi sesswali. Tajjeb li jinzamm ukoll fil-mira t-tifsira tal-kelma traffikar kif ravvizata fl-artikolu 248E tal-Kap 9 meta dan jiddisponi illi din tfisser ir-reklutagg, trasport jew trasferiment ta' persuna, inkluza il-habi ta' dik il-persuna u tinkludi kull eghmil li jiffacilita' d-dhul, transitu, residenza fi jew hrug mit-territorju ta' xi pajjiz. L-agir tal-imputat jinkwadra perfettament f'din id-definizjoni u ghalhekk stante li jirrizultaw l-elementi kollha ta' dan ir-rejat qed issibu hati tieghu.

L-imputat huwa akkuzat ukoll bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 63 dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni u dan b'mod separat mill-akkuzi l-ohra. Minn dak li ingieb a konjizzjoni tal-Qorti, jemergi illi l-imputat ggestixxa burdell fil-*farmhouse* li jirrisjedi fiha u f'dan il-burdell huwa kien jakkolji persuni li kienu jhallsu ghall-servizzi sesswali prestati mill-persuni mizmuma mill-imputat ghal dan l-iskop ghad li kontra l-volonta' taghhom. Kif xehdu sia it-tfajliet traffikati kif ukoll Tatiana Alkina, dawn kienu jipprestaw servizz bi hlas u jivversaw il-qliegh lill-imputat li imbghad jghaddilhom xi haga mill-istess flus. Dan kien pruvat fil-grad li trid il-ligi u konsegwentement l-artikoli kontra d-disposizjoni tal-Kap 63 kif addebitati mill-avukat generali huma kollha pruvati hlief ghall-artikolu 8(2) u per

konsegwenza dak numru 14 li ma ghandhom ebda ness mall-kaz odjern u li minnhom qed ikun liberat.

L-imputat kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Settembru 2002 u ta' dan kien liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin skond l-artikolu 9 tal-Kap 152 ta' dak iz-zmien, illum Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-fedina penali esebita in atti jemergi illi l-imputat kien misjub hati talli kkaguna hsara volontarja fuq hwejjeg mobbli ta' terzi kontra id-dispost tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 u li hebb ghal persuna u kkagunahala feriti ta' natura hafifa skond l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 kif ukoll instab hati tal-kontravvenzjonijiet kif ravvizati fl-artikolu 339 u 338(dd) tal-Kap 9 u kien liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett snin mit-3 ta' Settembru 2002. L-akkuzi odjerni li taghhom instab hati permezz tas-sentenza odjerna jirrisalu ghall 10 ta' Gunju 2004 u x-xhur ta' qabel u ghalhekk jemergi illi l-imputat kiser il-kondizzjonijiet tal-liberazzjoni;

Il-Qorti ghalhekk filwaqt illi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi ravvizati fl-artikoli 248B Kap 9; 7(1)(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap 63 ma ssibux hati tal-akkuzi ravvizati fl-artikoli 204(1)(b)(d), 248A(2)(a)(b) Kap 9 u 8(2) Kap 63 u tilliberah minnhom;

Wara li rat l-artikoli 248B tal-Kap 9, 7(1)(3), 8(1), 9 u 10 tal-Kap 63 bl-applikazzjoni tal-artiklu 17B tal-Kap 9 ;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal terminu massimu fil-ligi ta' prigunerija ta' disa (9) snin fuq l-akkuza kontra l-artikolu 248B Kap 9; terminu ta' prigunerija ta' sena (1) fuq l-akkuzi kontra d-dispost tal-Kap 63 li huma komprizi u li skond l-artikolu 17B ma jistghux jinghataw f'aktar minn nofs taghhom u ghalhekk ukoll multa ta' mitejn u tletin euro (€230). Inoltre ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tordna l-konfiska tad-dar (*farmhouse)* tal-imputat, 25 Ingieret Road Luqa favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment titratta ulterjorment mal-imputat ghall-ksur tal-Kap 446 (ex Kap 152) stante li jirrizulta li l-imputat kiser il-kundizzjoni tal-liberta' kondizzjonata imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta' sentenza tat-3 ta' Settembru 2002 u wara li rat l-artikolu 325(b), 221(1), 383(dd), 339 Kap 9 u 7 u 23 Kap 446, tikkundannah ghal piena ta' sena (1) prigunerija ghall-akkuzi ravvizati fl-artikolu 325(b) u 221(1) Kap 9 u ghall-ammenda ta' hamsin (50) euro ghall-kontravvenzjonijiet ukoll imsemmija f'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------